# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 29 ta' April 2016**

**Numru 12**

**Rikors numru 80/09 AL**

**Rita Penza**

**v.**

**Raymond Penza**

**Il-Qorti**,

Rat ir-rikors mahluf li permezz tieghu l-attrici ippremettiet:

> "Illi l-kontendenti zzewgu f'Malta fit-28 ta' Jannar tas-sena elf disa' mija u tmienja u sebghin (28/01/1978);
>
> "Illi mill-imsemmi zwieg il-kontendenti kellhom tlett (3) itfal Andre, Manoel u Melanie ahwa Penza, fejn illum il-gurnata, Melanie Penza biss ghadha monorenni u ghandha hmistax-il sena (15);
>
> "Illi l-intimat rrenda l-hajja matrimonjali ta' bejn il-kontendenti mpossibbli, stante illi l-istess intimat huwa hati ta' eccessi, sevizzi, mohqrija, swat, vjolenza, theddid u ingurji gravi da parti tieghu fil-

konfront ta' l-istess rikorrenti u ghalhekk iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment b'tort unikament ta' l-istess intimat;

"Illi r-rikorrenti giet debitament awtorizzata sabiex tipprocedi bl-istanti permezz ta' digriet tal-Onorabbi Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) datat 24 ta' Frar 2009 hawn anness u markat bhala Dok 'A';

"Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti prevja okkorrendo kull dikjarazzjoni mehtiega u opportuna, u ghar-ragunijiet fuq imsemmiija:

"1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi Penza u dana minhabba tortijiet unikament u esklussivament imputabli lill-intimat kif fuq spjegat u tawtorizza lir-rikorrenti tghix separatament minn mal-intimat;

"2. Tordna illi l-kura u kustodja tat-tifla minuri Melanie Penza tigi fdata lir-rikorrenti u tiffissa ammont adegwat ta' retta alimentari li ghandu jkun pagabbli mill-intimat lir-rikorrenti kull xahar, ghan-nom ta' l-istess tifla minuri, liema manteniment ghandu jizdied kull sena skont l-indici ta' l-gholi tal-hajja, filwaqt li tiddikjara li l-intimat (li jahdem bhala xufier), ddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob u / jew jippercepixxi manteniment minghand ir-rikorrenti;

"3. Tiffissa dik ir-retta alimentari li l-intimat ghandu jhallas kull xahar lir-rikorrenti ghaliha personali, liema manteniment ghandu jizdied kull sena skont l-indici ta' l-gholi tal-hajja;

"4. Tapplika kontra l-intimat l-effetti in toto jew in parte ta' l-artikoli 48 sa 52 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, nkluza l-komminazzjoni li tilef kull dritt li jiret mir-rikorrenti;

"5. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali u tassenja porzjon lir-rikorrenti u porzjon lill-intimat *ope sententium.* Filwaqt li tinnomina nutar sabiex jircievi l-att relattiv li fih jinkorpora l-effetti kollha tas-sentenza u kuraturi sabiex jirraprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

"6. Tikkundanna lill-intimat sabiex jirrestitwixxi lir-rikorrenti l-beni kollha parafernali taghha li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u dan fi zmien qasir u perentorju, li ghandu jigi lilu prefiss minn din il-Qorti u fin-nuqqas li l-intimat jaghmel dan, tikkundannah ihallas lir-rikorrenti dik is-somma li ghandha tigi hekk likwidata, okkorrendo bl-opera ta' periti *nominandi*, rapprezentanti l-valur tal-beni parafernali sudetti;

"Bl-ispejjez kontra l-intimat li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni;"

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li in forza taghha huwa eccepixxa illi:

"1. Illi hemm qbil li tigi ddikjarata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti imma mhux ghar-ragunijiet mfissra mir-rikorrenti ghaliex ma huwiex minnu li z-zwieg tkisser minhabba xi raguni mputabbli lill-intimat wahdu izda kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza l-kagun principali kienet ir-rikorrenti bl-atteggament taghha. Jekk tkisser irrimedjabbilment, dan sehh ghax l-istess mara rikorrenti riedet tkissru sabiex hija titilqu;

"2. Illi l-esponenti ma jaqbilx mat-tieni talba tar-rikorrenti ghaliex kif ser jirrizulta fil-perjodu li l-mara rikorrenti telghet mid-dar flimkien ma binthom Melanie dina l-minuri thalliet jkollha relazzjoni ma ragel akbar minnha u harget tqila u anke marret tghix ghal xi zmien mieghu u ghalhekk ir-rikorrenti ma ghandhiex tigi affdata l-kura u kustodja tal-minuri Melanie Penza u dwar it-talba li tithallas retta alimentari favur il-minuri dina ukoll ghandha tigi michuda peress li bintu ghandha relazzjoni ma persuna ohra li allura ghandu l-obbligu li jmantniha;

"3. Illi l-Qorti ghandha tichad it-tielet talba tar-rikorrenti u dan ghaliex hija ghandha dhul minn xoghol regolari filwaqt illi l-intimat jahdem biss ftit sieghat fil-gimgha liema dhul ma huwiex bizzejjed biex jhallas manteniment lil martu;

"4. Illi l-esponenti ma jaqbilx li r-raba talba ghandha tigi milqugha ghaliex ma hemmx lok li jigu applikati id-dispozizzjonijiet tal-Art 48 sa 52 fil-konfront tal-intimat u ghalhekk ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

"5. Illi l-intimat jaqbel li hemm bzonn li jkun hemm xoljiment u likwidazzjoni tal-kommunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet fil-kawza imma dan irid isir wara li jkunu gew rritornati l-flejjes kollha li r-rikorrenti hadet minghajr kunsens tal-intimat. Il-kommunjoni tal-akkwisti ghandha tinqasam fi kwoti ugwali u mhux kif qeghda titlob ir-rikorrenti li dina l-qasma ghandha tkun fi kwoti mhux ugwali ghal liema talba l-intimat joggezzjona u ma jaqbilx maghha;

"6. Illi l-esponenti ma jistax jifhem ir-raguni ghas-sitt talba meta r-rikorrenti diga hadet l-oggetti taghha kemm parafernali kif ukoll

oggetti ohra mir-residenza tal-partijiet liema dar hija proprjeta tal-intimat u ghalhekk dina s-sitt talba ghandha tigi michuda;

"7. Salv ragunijiet ulterjuri;

"Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti li minn issa ngunta ghas-subizzjoni;"

Rat il-verbali tal-kawza fosthom l-affidavits u depozizzjonijiet kif ukoll ir-rapport tal-perit gudizzjarju;

Rat is-sentenza tal-Qorti Civili Sezzjoni Familja moghtija fis-26 ta' Gunju 2014 li permezz taghha l-Qorti iddisponiet mit-talbiet attrici bil-mod segwenti:

"[1] Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u l-ewwel talba tal-kontro-talba limitament billi tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi htija ugwali bejn il-partijiet;

"[2] Tichad it-tieni talba tar-rikorrenti u t-tieni talba tal-kontro-talba;

"[3] Tilqa' t-tielet talba tar-rikorrenti limitament ghall-ammont ta' €150 fix-xahar, b'dan li tali manteniment ghandu jithallas mill-intimat lir-rikorrenti u konsegwentement tichad ir-raba' talba tal-kontro-talba;

"[4] Tichad ir-raba' talba tar-rikorrenti u t-tielet talba tal-kontro-talba;

"[5] Tilqa' l-hames talba tar-rikorrenti u tal-kontro-talba b'dan li l-immobbli ghandhom jitpoggew ghall-bejgh abbazi tal-prezzijiet stabbiliti mill-Perit Tekniku jew prezz iehor li dwaru jistghu jaqblu l-partijiet u bid-dritt lil kull wiehed mill-istess partijiet li jixtri s-sehem tal-parti l-ohra. Kwantu ghax-xogholijiet, l-intimat ghandu jithallas ghalihom skont il-valutazzjoni moghtija mill-Perit Tekniku fir-rapport tieghu, liema hlas ghandu jsir minn sehem ir-rikorrenti;

"[6] Tichad is-sitt talba;

"Bl-ispejjez jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet."

Rat ir rikors tal-konvenut appellant li permezz tieghu talab illi din il-Qorti joghgobha tilqa' l-aggravju tieghu u tvarja u tirriforma s-sentenza msemmija billi:

> "1. Tiddikjara illi l-ordni ghall-bejgh tad-dar matrimonjali kien *ultra petita*, u ghaldaqstant null, u konsegwentement tirrevoka l-istess ordni; u
>
> "2. tiddikjara illi l-fond bl-indirizz 28, St. Frances, Flat 2, Triq Hal-Saflieni, Luqa m'humiex formanti l-komunjoni tal-akkwisti, izda illi t-titolu ta' sub-enfitewsi fuq l-istess fond huwa parafernali tal-appellant u konsegwentement tiddikjara illi l-appellata m'ghandha l-ebda sehem minn dan il-fond, ghajr nofs il-valur tal-ameljoramenti li saru waqt iz-zwieg; u
>
> "3. tirrevoka dik il-parti fejn ordnat lill-appellant sabiex ihallas is-somma ta' €150 fix-xahar bhala manteniment lill-appellata, u tiddikjara illi l-appellant m'ghandux ihallas manteniment lill-appellata;
>
> "tikkonferma l-bqija tas-sentenza, bl-ispejjez tal-appell kollha kontra l-appellata."

Rat ir-risposta tal-attrici li permezz taghha talbet li s-sentenza appellata tigi ikkonfermata;

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Marzu 2016 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati tal-partijiet trattaw l-appell;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkonsidrat;

## AGGRAVJI TAL-KONVENUT

Il-konvenut qed jilmenta li d-dar matrimonjali hija parafernali tieghu u mhux formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti u oltre dan il-Qorti ma setghet lanqas tordna l-bejgh tad-dar imsemmija u dan ghaliex l-attrici ma ghamlitx din it-talba specifika fir-rikors taghha; u finalment li ma kellux ikun ordnat ihallas manteniment ghaliex ma ghandux mezzi biex ihallas l-istess.

**L-ewwel aggravju – Id-dar matrimonjali.**

L-appellant permezz ta' dan l-aggravju qed jilmenta li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta iddecidiet li d-dar in kwistjoni ghandha tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti. U dan ghaliex meta missieru ttrasferihielu permezz tal-kuntratt in atti Nutar Carmelo Mangion pubblikat fit-23 ta' Frar 1991, l-intenzjoni tieghu kien li jaghtiha lilu biss u mhux anke lill-attrici.

L-appellant jiccita s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Familja fl-2010 fl-ismijiet **Fardell v. Fardell** in sostenn tal-argument tieghu oltre li ressaq bhala xhieda lil hutu li wkoll akkwistaw proprjetajiet simili fl-istess jum li gie pubblikat il-kuntratt imsemmi.

Ma hemmx dubbju li l-akkwist tal-konvenut (in sub enfitewsi) sehh meta l-partijiet kienu gia` mizzewgin – allura ‘prima facie’ zgur jaqa’ fil-komunjoni tal-akkwisti bejniethom. Infatti l-Artikolu 1320 tal-Kap. 16 jghid hekk:

> “1320. Fil-komunjoni tal-akkwisti jidħlu -
>
> “(a) dak kollu li ż-żewġ partijiet miżżewġa jakkwistaw bix-xogħol jew bil-ħidma tagħhom;
>
> “(b) il-frottijiet tal-beni tal-partijiet miżżewġa, magħduda l-frottijiet tal-beni tad-dota jew suġġetti għal fedekommess, sew jekk il-beni kienu għand ir-raġel jew il-mara minn qabel iż-żwieġ, sew jekk ikunu missew lil parti minnhom wara b’wirt, b’donazzjoni, jew b’titolu ieħor, basta ma jkunux ingħataw jew tħallew bil-kondizzjoni li l-frottijiet tagħhom m’għandhomx jidħlu fl-akkwisti;
>
> “(ċ) bla ħsara għal xi disposizzjoni oħra tal-Kodiċi li ma taqbilx, il-frottijiet ta’ dawk il-beni tat-tfal li huma suġġetti għall-użufrutt legali tal-missier jew tal-omm;
>
> “(d) kull beni akkwistati bi flus jew ħwejjeġ oħra li jkunu ġejjin mill-akkwisti, ukoll jekk l-akkwist ta’ dawk il-beni ikun sar f’isem parti waħda mill-miżżewġin;
>
> “(e) kull beni akkwistati bi flus jew ħwejjeġ oħra li waħda mill-partijiet miżżewġin kellha minn qabel iż-żwieġ, jew li, wara ż-żwieġ, missew lilha b’donazzjoni, b’wirt, jew b’titolu ieħor, ukoll jekk dawk il-beni jkunu hekk akkwistati f’isem dik il-parti, bla ħsara tal-jedd tagħha li tieħu lura l-ispejjeż li tkun għamlet għall-akkwist ta’ dawk il-beni;
>
> “(f) rebħ bix-xorti li jmiss lil parti waħda jew liż-żewġ miżżewġin, u dak is-sehem ta’ teżor misjub minn parti minnhom, u li skont il-liġi jmiss lil min isib it-teżor, sew jekk dik il-parti tkun sabet it-teżor fil-fond tagħha, jew fil-fond tal-parti l-oħra, jew fil-fond ta’ terzi:
>
> “Iżda dak is-sehem ta’ teżor li jmiss lis-sid tal-fond jibqa’ kollu għal dik il-persuna li fil-fond tagħha t-teżor ikun instab.”

F’dan il-kuntest huwa wkoll importanti l-kontenut tal-artikolu ta’ wara;

> "1321. (1) Il-beni kollha li l-miżżewġin ikollhom jew parti minnhom ikollha, jitqiesu li jagħmlu parti mill-akkwisti sakemm ma jkunx ippruvat xort'oħra."

Din il-Qorti wara li ezaminat l-atti u l-kwistjoni legali involuta, hi tal-fehma li ghandha tasal ghall-istess konkluzjoni raggunta mill-ewwel Qorti. L-appellant akkwista ***s-sub enfitewsi*** perpetwa minghand missieru u allura si tratta ta' akkwist ta' proprjeta` *ut sic*. Fil-kaz **Fardell** gia` imsemmi (deciz fit-8 ta' Ottubru 2010) l-attrici kienet irceviet ***donazzjoni*** minghand missierha u kien ghalhekk li l-Qorti dehrilha li l-intenzjoni tal-istess missierha kien li jaghti rigal lil bintu u lil bintu biss.

Il-Qorti infatti dak in-nhar qalet hekk:

> "Hemm kwistjoni mbagħad fuq appartament f'Wied il-Għajn, li gie donat minn missier l-attrici lill-partijiet meta dawn kienu gia` miżżewga. Għal xi raguni fuq il-kuntratt ta' donazzjoni dehru ż-żewg partijiet. Il-Qorti taqbel mal-konklużjoni tal-perit legali illi certament l-intenzjoni tal-missier kien li jibbenefika lil bintu u dakinhar li sar il-kuntratt ma kellux problema bil-preżenza ta' żewgha fuq il-kuntratt għaliex kienu jgħixu flimkien ta' miżżewgin. Għalhekk mhux xieraq illi l-konvenut jibqa' igawdi minn din id-donazzjoni u dan l-appartament għandu jigi assenjat lill-attrici."

Minghajr dubju hemm differenza bejn akkwist ta' sub enfitewsi u donazzjoni fl-interpretazzjoni tal-effetti tal-kuntratt f'sitwazzjonijiet simili ghaliex f'koncessjoni enfitewtika hemm il-*quid quo pro* – fil-waqt li l-att ta' donazjoni huwa wiehed gratwitu.

**Dan l-aggravju allura huwa michud.**

**It-tieni aggravju; ma saritx talba ghall-bejgh tal-fond matrimonjali**

L-appellanti qed isostni illi ladarba l-appellata ma talbitx esplicitament li l-fond matrimonjali jinbiegh, il-Qorti ma setghetx tordna dan u kwindi il-Qorti iddecidiet 'ultra petita'. Huwa evidenti ghall-Qorti li dan ir-ragunament ma ghandu ebda fondament guridiku u ghandu jitwarrab. Il-Qrati taghna diversi drabi qalu li l-bejgh ta' fond komuni (bhal licitazzjoni f'divizjoni ta' wirt) bejn il-partijiet ma ghandux bzonn ta' talba specifika ladaraba tkun saret talba ghad-divizjoni – f'dan il-kaz il-likwidazzjoni u qasma tal-komunjoni tal-akkwisti.

Fil-kawza deciza mill-Prim'Alwa fil-25 ta' Settembru 2003 fl-ismijiet **Grech v. Grech** intqal:

> "Il-Qorti ghandha s-setgha li tordna l-licitazzjoni meta tkun intalbet il-qasma, kif ukoll tista' tordna l-qasma minkejja tkun intalbet il-licitazzjoni u dan ghaliex il-licitazzjoni m'hijiex ghajr **modus divisionis; (Vol XXXIII-1-329).**
>
> > "Quantunque nella citazione non sia stata dedotta alcuna domanda per la licitazione di un fondo, pure questa e' attualmente compresa nelle domanda relattiva alla divisione, non essendo la licitazione se non uno dei mezzi per sciogliere la communione" (**Farrugia v. Farrugia** - P.A. - 11 ta' Novembru 1896 - XV.602).

Fil-kawza fl-ismijiet **Galea v. Axisa** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' Gunju, 2002) giet citata sentenza ohra fejn intqal:

> "il-licitazzjoni in sostanza mhijiex hlief 'modus divisionis', u l-azzjoni ta' divizjoni tikkomprendi virtwalment id-domanda ghall-bejgh b'licitazzjoni – dak li jfisser illi, jekk id-divizjoni tal-haga ma tkunx tista' ssir komodament, il-bejgh b'licitazzjoni jigi ordnat bhala konsegwenza necessarja ta' l-azzjoni

> tad-divizjoni" (**Angelo Mifsud v. Anna Mifsud et**, Qorti tal-Appell, 11 ta' Dicembru 1950).

Fil-kawza fl-ismijiet **Ellul v. Cassar** (20 ta' Marzu 2003) il-Prim'Awla tal-Qorti Civili iddecidiet illi:

> "Hu veru li l-atturi, f'din ilkawza, talbu d-divizjoni tal-wirt, izda kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza **Azzopardi v. Zammit** deciza fis-16 ta' Novembru, 1962, "tant il-licitazzjoni kemm iddivizjoni huma modi ta' cessazzioni tal-komunjoni u, ghalhekk, talba ghad-divizjoni tista' tigi provveduta billi tigi ordnata l-licitazzjoni u talba ghal licitazzjoni tista' tigi provveduta billi tigi ordnata d-divizjoni n-natura". (ara wkoll **Galea v. Axisa** supra)."

Fil-kawza deciza minn din il-Qorti fl-ismijiet **Doris Galea et v. Michael Tonna et** (9 ta' Ottubru 2001) sejhet argument simili ghal dak tal-appellant f'dan ir-rigward '*erezija legali'* u din il-Qorti tasal biex taqbel ma' din il-konkluzjoni.

**Dan l-aggravju allura huwa ukoll michud.**

**It-tielet aggravju – manteniment.**

Kif intqal fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Catherine Mifsud v. Louis Mifsud** deciza fil-25 ta' Ottubru 2013: "Il-manteniment ma huwiex xi dritt sagrosant ta' min jissepara izda jigi ordnat il-hlas tieghu meta **hemm il-**

**bzonn** (L-Artikolu 20.1 tal-Kodici Civili jghid li l-mantement ikun dovut skont **il-bzonn** ta' min qed jitolbu).

Dan l-artikolu jkompli jghid hekk;

> "(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.
>
> "(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol talprofessjoni,
> arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.
>
> "(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.
>
> "(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust."

L-artikolu ta' wara imbaghad jghid hekk:

> "**21.** (1) Meta min jagħti l-manteniment jiġi fi stat li ma jkunx jista' jagħti aktar il-manteniment kollu jew biċċa minnu, hu jista' jitlob li jkun meħlus mill-obbligu tiegħu jew li tkun imnaqqsa ssomma tal-manteniment, skont ma jkun il-każ.
>
> "(2) Dan igħodd ukoll jekk il-bżonn ta' min ikun jirċievi l manteniment jispiċċa għal kollox jew f'parti"

L-ammont li ghandu jithallas bhala manteniment huwa imbaghad regolat mill-Artikolu 54 tal-Kodici Civili; dan jghid hekk:

"54. (1) Il-parti li kontra tagħha tinqata l-firda mhix meħlusa, minħabba dik il-firda, mill-obbligu tal-manteniment tal-parti l-oħra, meta dan il-manteniment ikollu jingħata skont id-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu I ta' dan it-Titolu.

"(2) L-ammont tal-manteniment imsemmi fis-subartikolu (1), kif ukoll il-manteniment dovut lill-ulied f'każ ta' firda, jiġi stabbilit billi jitqiesu l-mezzi tal-miżżewġin, il-ħila tagħhom li jaħdmu u l-bżonnijiet tagħhom, u għandhom jitqiesu wkoll iċ- ċirkostanzi l-oħra kollha tal-miżżewġin u tal-ulied, inkluż dan li ġej:

"(a) il-bżonnijiet tal-ulied, wara li jkunu tqiesu ċ- ċirkostanzi kollha tagħhom;

"(b) xi diżabilità, kif imfissra fl-Att dwar l-Opportunitajiet Kap. 413. Indaqs għal Persuni b'Diżabilità, kemm jekk hija fiżika jew mentali;

"(ċ) ċirkostanzi ta' mard li tant ikunu serji u gravi li jikkompromettu l-kapaċità tal-miżżewġin jew ta' l ulied li jmantnu lilhom infushom;

"(d) jekk il-ħila tal-parti li jkun dovut lilha l-manteniment illi tagħmel qligħ ta' kull xorta ġietx imnaqqsa għaliex dik il-parti tkun, matul iż-żwieġ, ħadet ħsieb id-dar, il parti l-oħra u t-trobbija tat-tfal taż-żwieġ; Kap. 318.

"(e) kull qligħ jew benefiċċju li l-miżżewġin, jew min minnhom, jirċievu skont il-liġi, minbarra kull għajnuna soċjali li mhix kontributorja li tkun qed titħallas lilhom taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali: Kap. 318. Iżda, għall-fini ta' dan il-paragrafu, għandha titqies il-pensjoni għad-diżabilità taħt l-artikolu 27 tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali;

"(f) il-ħtiġiet għall-akkomodazzjoni tal-miżżewġin u tal ulied;

"(g) l-ammont li kien ikun dovut lil kull waħda mill-partijiet bħala benefiċċju, inkluż, iżda mhux limitat għal, benefiċċju taħt skema ta' pensjoni, liema benefiċċju dik il-parti tkun ser titlef l-opportunita'jew possibilta' li tikseb bhala rizultat tal-firda.

L-ewwel Qorti iddecidiet dwar il-manteniment a bazi tal-ahhar prova li kellha quddiemha fir-rigward tal-qliegh tal-konvenut u cioe` circa €350 – €400 kull hmistax-il gurnata. L-appellant qed jghid fir-rikors tal-appell

tieghu li minn dak in-nhar huwa ma baqax impjegat u issa jghix bil-pensjoni.

Huwa pero` principju bazilari tad-dritt procedural taghna illi min jallega jrid jipprova jew –"*Onus probandi incumbit qui dicit non ei qui negat'* kif jghid car u tond l-Artikolu 562 tal-Kodici tal-Procedura u kif gie ripetut diversi drabi f'diversi sentenzi (ez. **Dr H Lenicker v. J Camilleri**, Prim'Awla 31 ta' Mejju 1972 u Peter Paul **Aquilina v. Paul Vella**, Appell Inferjuri, 2 ta' Mejju 1995). Fil-kaz odjern allura kien jinkombi fuq l-appellant iressaq prova fir-rigward u allura l-ewwel Qorti ma setghetx taghmel mod iehor milli toqghod fuq il-provi li kellha quddiemha. Din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni, lanqas ma tista' tvarja is-sentenza appellata fuq semplici allegazzjoni tal-appellant minghajr ma tressqet l-icken prova quddiemha fuq dan.

L-appellant pero` fil-mori tal-appell ipprezenta rikors fejn talab li jigi ezentat milli jhallas il-kawtela ghall-ispejjez tal-appell, u ma' dak ir-rikors ipprezenta kopja tad-dikjarazzjoni tad-Direttur Generali tas-Sigurta` Socjali minn fejn jirrizulta li l-appellant jircievi €699.20 fix-xahar. Ghalhekk indubbjament hlas kif ordnat mill-ewwel Qorti huwa ta' piz notevoli ghall-appellant u fil-waqt li ghandu jinzamm il-hlas tal-manteniment perjodiku, fil-fehma ta' din il-Qorti dan l-ammont ghandu jitnaqqas u ghalhekk din il-Qorti se tordna li l-hlas tal-manteniment lill-appellat ghandu jkun ta' mitt euro fix-xahar.

Peress li s-sentenza appellata se tigi ikkonfermata kwazi fl-intier taghha pero` il-Qorti se tordna li l-hlas tal-ispejjez tal-appell ghandhom ikunu kollha a kariku tal-appellant, anke ghaliex kien huwa stess li ma ipprezentax quddiem l-ewwel Qorti il-prova li huwa kien waqaf mill-impjieg (meta skont id-depozizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti kien ilu mill-2011 dizokkupat) u l-konsegwenza ta' dan l-istat ta' fatt.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti tiddeciedi l-appell billi tichdu hlief ghall hlas tal-manteniment pagabbli lill-appellata li ghandu jkun ta' mitt euro (€100) fix-xahar minflok dak akkordat mill-ewwel Qorti u dan b'effett mid-data tas-sentenza appellata; mill-bqija tikkonferma s-sentenza appellata, kompriz il-kap tal-ispejjez. L-ispejjez tal-appell jithallsu mill-appellant.

| Silvio Camilleri | Tonio Mallia | Joseph Azzopardi |
| --- | --- | --- |
| Prim Imhallef | Imhallef | Imhallef |

Deputat Registratur
df